**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-it Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

**App. Nru. 251/2013 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ramona Fabri**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Ramona Fabri, detentriċi tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 145275(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Settembru 2011 għall-ħabta tal-11:30hrs ġewwa Triq il-President A. Buttigieg, Zejtun:

(1) saqet vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DAT-742, b'manjiera (a) traskurata, (b) u perikoluża.

(2) b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġunat offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emanuel Cassar skond kif iċċertifika Dr. Matthias Azzopardi M.D. Reg. 5268 mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti li l-imputata Ramona Fabri tiġi skwalifikata mill-liċenzji kollha tagħha tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq ;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Mejju 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija Ramona Fabri ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha u ikkundannatha multa ta' tmien mitt ewro (€800) ;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Ramona Fabri ppreżentat fid-29 ta' Mejju 2013 fejn talbet li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata u konsegwentement tilliberaha minn kull ħtija u piena okkorrendo jekk ikun il-każ, subordinatament tipprovdi għal piena aktar miti u idoneja;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellanti Ramona Fabri huma s-segwenti:

> "**L-ewwel aggravju – Apprezzament Zbaljat tal-Provi**
>
> "(a) Illi bir-rispett l-Ewwel Onorabbli Qorti sfat zgwidata u konsegwentement ghamlet apprezzament tal-provi zbaljat u li allura wassal sabiex l-appellanta tinstab hatja tal-akkuzi migjuba kontriha;
>
> "(b) Illi l-pern ta' dawn il-proceduri jirrivolvi madwar tlett elementi:
>
> i. Jekk Emanuel Cassar setax jaghmel manuvra ta' sorpass fi Triq il-President Anton Buttigieg.
> ii. Jekk il-linji f'din it-Triq humiex *'continuous white line'* kif sostniet id-difiza jew *'broken white line'* kif sostniet il-prosekuzzjoni u kif erronjament jirrizulta mill-iskizz a fol. 37 tal-process;
> iii. Jekk l-appellanta saqitx b'mod traskurat u perikolanti.
>
> "(c) Illi fil-parti tat-Triq il-President Anton Buttigieg fejn sehh l-incident appuntu wara l-*pedestrian crossing* u t-*traffic lights* hemm dahla fuq il-lemin tal-passiggier ghall-parkegg tal-Lasco Supermaket (Ara l-iskizz a fol 37 tal-process) liema dahla hija accessibli minn kull naha tat-triq stante qtugh fil-*'continuous white line'*;
>
> "(d) Illi ma kien ikun xejn idoneju u kien ikun ferm perikoluz li kieku din it-triq tippermetti li jsir sorpass fil-parti fejn sehh l-incident appuntu fejn it-triq tippermetti li ssir manuvra ta' *right hand turn* sabiex persuni jkunu jistghu jaccessaw il-parkegg.

Dan kien jaghti lok sabiex f'din it-triq incidenti simili kienu jkunu l-ordni tal-gurnata;

"(e) Illi inoltre jekk wiehed jara b'mod akkurat ix-xhieda ta' Emanuel Cassar jinduna li hemm diskrepanza kbira f'dak li qal;

"(f) Illi jirrizulta kemm mix-xhieda tal-appellanta kif ukoll dik ta' Emanuel Cassar li l-appellanta kienet qed taqla' minn fuq il-*pedestrian crossing* wara li d-dawl tat-*traffic lights* qaleb ahdar;

"(g) Illi jekk Emanuel Casar kien 'metru u nofs' wara l-vettura tal-appellanta (fol 32 tal-Process) hekk kif dawn bdew isuqu wara li d-dawl tat-*traffic lights* qaleb ahdar, kien ikun ferm difficli jekk mhux impossibbli li jsehh l-incident;

"(h) Illi huwa fatt innegabbli li fil-mument li wiehed ikun ser jissokta jsuq wara waqfien minhabba xi raguni jew ohra f'dan il-kaz minhabba *pedestrian crossing* u *traffic lights* il-velocita` inizjali tal-vettura tkun wahda minima;

"(i) Illi ghaldaqstant kemm il-velocita` tal-vettura tal-appellanta kif ukoll dik ta' Emanuel Cassar kellhom ikunu minimi;

"(j) Illi jsegwi li jekk Emanuel Cassar kien madwar metru u nofs wara l-vettura tal-appellant u kien ghaddej b'velocita` minima kellu jkollu zmien bizzejjed sabiex jikkontrolla l-vettura tieghu u jevita l-impatt mal-vettura tal-appellanta;

"(k) Illi izda mix-xhieda tieghu jirrizulta hekk:

*"zammejt il-brejk tal-mutur ta' wara, l-mutur skidja, tlaqtlu l-brejk u ma kelli naghmel xejn hlief li ndur warajha biex niskapulaha"* (Fol 32 tal-process).

"Huwa inkomprensibbli kif Emanuel Cassar ma rnexxilux jikkontrolla l-mutur tieghu. Mix-xhieda tieghu stess jirrizulta li jew ma hu minnu xejn li kien hemm distanza ta' madwar metru u nofs mill-vettura tal-appellant jew inkella qala' minn wieqaf b'velocita` tali li ma setax jikkontrolla l-mutur tieghu. Jirrizulta wkoll li prova jaghmel manuvra ta' sorpass f'post fejn hu prekluz jaghmilha;

"(l) Illi gie pruvat li Triq Anton Buttigieg hija triq ta' zewg karreggjati u cioe` karreggjata li taghti lejn iz-Zejtun u karreggjata li taghti lejn Hal Ghaxaq (fol 36 u 60 tal-process);

"(m) Illi huwa ben saput li f'tali toroq il-linja tat-triq tkun *'continuous white line'* u cioe` is-sewwieqa ta' naha ma jistghux imorru fuq in-naha l-ohra u vice versa, kif ukoll ma jistghux isiru manuvri ta' sorpass u dan ghas-semplici raguni li manuvri ta' sorpass f'toroq tali huma perikoluzi ferm;

"(n) Illi l-iskizz prezentat quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti jindika b'mod erroneju l-linja tat-triq bhala *'broken white line'*;

"(o) Illi nonostante l-fatt li l-linja fit-Triq Anton Buttigeg hija *'continuous white line'* ingieb ghall attenzjoni tal-Prosekuzzjoni u l-Qorti waqt it-trattazzjoni finali jidher li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma haditx konjizzjoni ta' dan;

"(p) Illi bir-rispett il-Prosekuzzjoni zgwidat ghal kollox lill-Ewwel Onorabbli Qorti meta sostniet:

*"minkejja illi t-triq hija b'karreggjati opposti kif ghada kemm qalet tajjeb id-difiza, xorta jibqa' l-fatt persuna jista' jovertejkja ghall-fatt li m'hemmx 'continuous white line' fi Triq il-President Anton Buttigieg, m'hemmx'* (fol 61 tal-process);

"(q) Illi dak dikjarat mill-prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha assolutament mhux korrett;

"(r) Illi bil-prova migjuba mid-difiza li t-triq *de quo* hemm zewg karreggjati fid-direzzjoni opposti jirrizulta li fil-fatt hemm *'continuous white line'*;

"(s) Illi fl-ebda mument ma kien hemm dubju li l-iskizz prezentat kien juri *'continuous white line'* hlief appuntu meta nghatat is-sentenza u gie preparat dan l-appell;

"(t) Illi nonostante dan kollu u nonostante li ma tistax tingieb prova friska f'dan l-istadju, harsa hafifa lejn l-iskizz tindika bl-aktar mod car u inekwivoku li l-iskizz huwa kompletament zbaljat;

"(u) Illi ghalkemm il-persuna li hejiet l-iskizz ma ndikax il-linja fit-Triq il-President Anton Buttigieg bhala *'continuous white line'*, indikat kemm il-*pedestrian crossing* kif ukoll it-*traffic lights*. Ma dawn indikat il-linja tat-triq bhala *'broken white line'*;

"(v) Illi dan minnu nnifsu huwa zball **grossolanissimu**. L-iskizz kif preparat mill-pulizija jindika li tista' ssir manuvra ta' sorpass fuq il-*pedestrian crossing* u t-*traffic lights* jew meta tkun qed tersaq lejhom. Fil-kuntest tar-regolamenti tat-traffiku dan huwa kompletament inaccettabli u fallaci;

"(w) Illi r-regola fil-Highway Code hija cara u inekwivoka dwar dan u tistipula bl-aktar mod car, filwaqt li zzid emfasi permezz ta' ittri majjuskoli,

"***'184 Do not overtake at or when approaching a pedestrian crossing, pelican crossing or traffic lights'***;

"***'185 Do not overtake .. where the road narrows.. when there is not enough space..'***

"(x) Illi fil-fatt il-linji fi triq, kull darba li jkun hemm *pedestrian crossing, pelican crossing* jew *traffic lights*, jindikaw dan b'mod car permezz ta' linji zigzag;

"(y) Illi jirrizulta bl-aktar mod car illi Emanuel Cassar injora dawn ir-regolamenti u pprova jwettaq manuvra ta' sorpass u ghaldaqstant kien is-sewqan ta' Cassar u mhux dak tal-appellanta li kien traskurat u perikolanti aktar u aktar meta wiehed iqis l-ispazju ristrett tat-triq fejn sehh l-incident;

"(z) Illi inoltre l-istess Highway Code tistipula rigward is-sorpass:

"***'181 Never overtake unless you are sure that you can do so without danger to yourself or others.'***

Illi din ir-regola hija applikabbli meta l-manuvra tas-sorpass tkun permissibbli ahseb u ara fi triq fejn tali manuvra ma tkunx permissibbli. Il-fatt li fit-triq *de quo* tippermetti vetturi jeffetwaw *right hand turn* sabiex jidhlu fil-parkegg ifisser li manuvra ta' sorpass tipperikola kemm lis-sewwieq li jwettaq kif ukoll lil haddiehor;

"(aa) Illi ghaldaqstant il-prova li ngiebet mill-prosekuzzjoni permezz tal-iskizz ghandha terga' tigi apprezzata stante li fin-nuqqas ser issir amministrazzjoni hazina tal-gustizzja. Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Delmar**:

"*'...din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti hlief ghal ragunijiet serji li jinducu lil din il-Qorti tkun tal-fehma li jekk ma tigix disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi tkun ser issir amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.'*

"**<u>It-Tieni aggravju – Kunflitt ta' Provi</u>**

"(a) Illi inoltre il-kaz *de quo* huwa *textbook case* ta' provi konfliggenti, liema konflitt ixejjen ghal kollox ic-certezza morali necessarja sabiex ikun hemm il-konvinciment fil-grad rikjest mil-ligi;

"(b) Illi f'tali sitwazzjoni ghandu jreggi l-principju sagrosant fil-kamp kriminali *in dubio pro reo* u mhux il-kontra kif effettivament gara fil-kaz *de quo*."

**6.** L-aggravji jirrikjedu apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti. Kwantu għall-fatt li, skond l-appellanti, hemm żewġ verżjonijiet konfliġġenti, ġie diversi

drabi ritenut li mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata.

**7.** Din il-Qorti eżaminat il-provi kollha miġjuba quddiem l-ewwel Qorti. Jirriżulta illi l-inċident in kwistjoni seħħ fl-10 ta' Settembru 2011 bejn il-11.30 a.m. u 12.00 p.m. fi Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun, hekk kif iż-żewġ vetturi involuti saqu minn fuq *pedestrian crossing* fejn kienu waqfu minħabba l-*lights*. L-appellanti, li kienet qed issuq karrozza Peugeot 205 numru DAT-742, riedet tagħmel *right-hand turn* biex tidħol fil-*parking area* tal-Lasco Supermarket u Emanuel Cassar kien qiegħed isuq mutur Garelli numru JBO-991 ġej mill-istess direzzjoni li kienet ġejja l-appellanti.

**8.** Emanuel Cassar xehed illi hu kien eżatt wara l-appellanti. Kif ġie warajha l-*lights* qalbu aħdar u traffiku beda miexi. Kif bdew mexjin kienu mserrpin, bl-appellanti fuq in-naħa ta' ġewwa u hu warajha imma n-naħa tal-linja tan-nofs. Kif qabżu l-*lights*, l-appellanti kisret f'daqqa fuq il-lemin biex tidħol fil-*parking area* tal-Lasco Supermarket. Jgħid li hu kien madwar metru u nofs warajha, żamm il-*brake* tal-mutur ta' wara, il-mutur skiddja, telaq il-*brake* u ma kellu xejn x'jagħmel ħlief li jdur warajha biex jipprova jiskapulaha. Daħal warajha ġol-*parking area* tal-Lasco ma' genbha u hemm missitu. L-impatt ma kienx qawwi. Il-mutur waqa' u nkiser u hu kiser l-għaksa. Emanuel Cassar jgħid li l-appellanti ma għamlitx sinjali qabel ma kisret u peress li kien imserrep magħha kien jinduna. Isostni li peress li l-appellanti kienet fuq in-naħa ta' ġewwa, dan kien jindikalu li kienet se tibqa' sejra dritt.

**9.** L-appellanti xehdet illi hija riedet iddur lejn il-Lasco u kienet wieqfa fil-*lights*. Quddiemha kien hemm il-karozzi. Kienet bl-*indicator* mixgħul biex tidħol fil-*parking*. Kif qabdet id-daħla tal-*parking* semgħet ħoss, ħarset mit-tieqa u rat lil Emanuel Cassar mal-art bil-mutur tiegħu. Mill-mera tagħha ma kienet rat xejn. It-triq hija *two lane*, waħda fid-direzzjoni taż-Zejtun u l-oħra fid-direzzjoni ta' Ħal-Għaxaq. Hawn se jiġi riprodott dak li ntqal fil-kontro-eżami:

> "Pros: Mela, meta inti għidtilna li għamilt il-manuvra biex tikser, ara ngħidx sew li fil-verita` inti ma kontx ħarist lejn il-mera, iżda peress li inti kont wieqfa inti ħadtha *for granted* li stajt tikser għan-naħa tal-lemin tiegħek?
>
> "Xhud: Jiena jekk qiegħda bl-*indicator* u wieqfa fil-*lights*, il-karozzi ġejjin minn hemm, jekk minn fuqi m'hu ġej ħadd ta' warajja jrid jistenna. Qegħdin weqfin konna, stajt indur.

> "Pros: Jiġifieri ngħid sewwa inti li dak il-ħin ħadtha *for granted* li stajt tikser għall-fatt li l-vetturi kienu ġejjin biss mid-direzzjoni opposta, u n-naħa għal fejn trid tikser?
>
> "Xhud: Le, inti meta tikser awtomatikament ħa tħares fil-mera, imma jien ma rajt lil ħadd u ma rajt xejn."

**10.** Waqt it-trattazzjoni saru sottomissjonijiet dwar l-iskizz li jindika li l-karreġġjati huma maqsumin permezz ta' *broken white line*. Id-difensur ta' l-appellanti jgħid illi effettivament il-linja medjana hija *continuous white line* u li fil-ġurnata ta' l-inċident kien hemm *broken white line* biex vetturi ġejjin mid-direzzjoni ta' Ħal-Għaxaq setgħu jduru fuq il-lemin biex jidħlu fil-*parking area* tal-Lasco. Il-prosekutur stqarr illi llum il-ġurnata hemm *continuous white line*. Id-difensur ta' l-appellant issottometta wkoll illi hemm anke żball fl-iskizz li juri l-linja medjana għaddejja saħansitra minn ġo nofs il-*pedestrian crossing*. Din il-Qorti hi tal-fehma li d-difensur ta' l-appellant għandu raġun peress illi l-ebda *pedestrian crossing* ma tkun traversata b'linja medjana. L-Imħallef sedenti aċċeda fuq il-post sabiex jara il-konfigurazzjoni tat-triq u tas-sinjali u sab illi llum il-linja medjana tikkonsisti f'żewġ linji paralleli. Int u ġej mid-direzzjoni ta' Ħal-Għaxaq, bħalma kienet ġejja l-appellanti, u qabel il-*pedestrian crossing,* dawn il-linji huma għal ftit distanza *broken white lines* u dawn jiġu faċċata tal-ħruġ mill-*parking area* tal-Lasco Supermarket fuq il-lemin. Il-linji jibqgħu sejrin proprju sal-*pedestrian crossing* fejn jieqfu. Mit-tarf oppost tal-*pedestrian crossing,* il-linji jibdew bħala *continuous white line* għal distanza qasira biss biex imbagħad jinbidlu fi *broken white lines* li allura jippermettu *right-hand turn* għad-dħul fil-*parking area* imsemmi. Issa, kienet x'kienet il-linja medjana, ma jirriżultax illi Emanuel Cassar kien qabeż il-linja medjana meta hu u l-appellanti kienu, kif jgħid l-imsemmi Emanuel Cassar, imserrpin. Li ċertament jirriżulta, u mhuwiex kontestat, illi fil-parti faċċata d-dħul għall-*parking area* kien hemm, fil-ġurnata ta' l-inċident, *broken white line,* u għalhekk l-appellanti kienet awtoriżżata ddur lejn il-lemin. Pero` din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li, fil-mument illi l-appellanti daret lejn il-lemin, Emanuel Cassar kien qiegħed fil-proċess li jagħmel manuvra ta' sorpass. Dan hu hekk minn dak li qal hu stess li fehem li l-appellanti kienet se tibqa' sejra dritt.

**11.** Issa, filwaqt illi l-appellanti tgħid li xegħlet l-*indicator*, Emanuel Cassar jgħid li ma kienx hemm sinjali meta l-appellanti daret lejn il-lemin.

**12.** Bħalma ntqal fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Ivan Vella** fit-3 ta' Ottubru 2001, il-fatt li sewwieq jixgħel l-*indicator* ma jagħtihx xi dritt assolut li jagħmel dak li qed jindika li bi ħsiebu jagħmel peress li dan is-sinjal jindika biss <u>l-intenzjoni</u> tas-sewwieq, cioe` dik li juri

fi żmien adegwat minn qabel x'inhi l-manuvra li jrid jagħmel. Din il-Qorti kompliet tgħid hekk f'dik is-sentenza:

> "Il-fatt li sewwieq jixghel l-*indicator* tieghu ma jfissirx li hu jista' jaqbad u jaghmel il-manuvra tieghu minghajr ma jiehu wkoll, u minn qabel, kull prekawzjoni mehtiega biex jara li ma jigix kawzat xi incident. L-obbligu tal-*'proper lookout'*, tas-sewqan prudenti, jibqa' xorta wahda fuq kull sewwieq, irrispettivament jekk jixghelx l-*indicator* jew le. L-*indicator* ismu mieghu, juri jew jindika biss dak li bi hsiebu jaghmel is-sewwieq, u ma jaghtih ebda dritt li jaghmel xi manuvra minghajr ma wkoll jesplora dak kollu li qed jigri madwaru.
>
> "Sewqan prudenti jitlob li meta wiehed sejjer jaghmel manuvra konsistenti f'*right hand turn* hu ghandu jixghel l-*indicator* f'hin u distanza adegwata qabel il-punt fejn irid jaghmel ir-*right turn*, jieqaf ezattament qabel ma jibda jdur u jesplora t-triq sewwa, minn kull naha u angolu, sabiex jara li ghandu *'a clear way'* qabel ma jkompli bil-manuvra li jrid jaghmel. Hu biss wara li jara li ma hemm ebda traffiku iehor fil-vicinanzi tieghu li sewwieq prudenti ghandu jaghmel il-manuvra ta' *'a right hand turn'*. Ovvjament, sewwieq f'tali cirkostanzi jibqa' obbligat wkoll li jara anke jekk hemmx xi traffiku gej warajh jew jekk hemmx xi traffiku li gja` beda jissorpassah fil-mument li hu jibda jaghmel il-manuvra tar-*'right hand turn'*."

**13.** Minn dak li xehdet l-appellanti, ċitat *verbatim* f'paragrafu 9, jidher li l-appellanti ħasbet li għax xegħlet l-*indicator* setgħet iddur u jagħti kas min kien warajha. Difatti mil-istess xiehda tagħha jidher li hija ħarset fil-mera meta kisret u mhux qabel ma kisret. Il-fatt li ma rat lil ħadd juri li jew ma ħarset xejn, jew ma ħarsitx sew jew proprju fil-mument li ħarset il-mutur li kien qiegħed jinstaq minn Emanuel Cassar kien pożizzjonat proprju fejn ma setgħetx tarah.

**14.** Naturalment, in-nuqqasijiet ta' min sejjer jagħmel *right hand turn* ma jeżonerawx awtomatikament lil min ikun ġej minn warajh mir-responsabbiltajiet tiegħu. Il-manuvra ta' sorpass effettivament hi manuvra delikata u għandha ssir bil-prudenza meħtieġa u biss meta s-sewwieq li jixtieq jeffettwa tali manuvra jkun assigura ruħu li jista' jagħmel hekk mingħajr dannu jew periklu għalih innifsu u għal ħaddieħor. Fil-każ in eżami Emanuel Cassar kien konxju bil-preżenza tal-vettura ta' l-appellanti quddiemu. Kien jaf li hekk kif taqbeż il-*pedestrian crossing* kien hemm id-dħul għall-*parking area* tal-Lasco Supermarket u għalhekk kwalunkwe vettura quddiemu setgħet iddur f'dik id-direzzjoni. Mill-*pedestrian crossing* sal-post fejn wieħed jista' jagħmel *right hand turn* id-distanza tant hi qasira li probabilment min jerġa' jibda miexi minn *stationary position* mal-*pedestrian crossing* ikun għadu fuq *first gear* u 'l aktar *second gear*. Jiġifieri l-i*speed* ikun neċessarjament baxx speċjalment jekk tkun l-intenzjoni li ddur fuq il-lemin.

**15.** Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti m’għandha l-ebda dubju li kien hemm nuqqasijiet miż-żewġ sewwieqa u għalhekk kien hemm kontributorjeta` da parti ta’ Emanuel Cassar. Mhijiex sejra tapporzjona r-responsabbilta` bħalma għamlet l-ewwel Qorti peress illi *in criminalibus* mhijiex in-norma li dan isir.

**16.** Din il-Qorti taqbel ma’ l-ewwel Qorti li s-sewqan ta’ l-appellanti ma kienx wieħed perikoluż iżda traskurat. Ciononostante l-ewwel Qorti sabitha ħatja “tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfronti tagħha”. Din il-Qorti sejra għalhekk tiddikjara lill-appellanti mhux ħatja ta’ l-imputazzjoni ta’ sewqan perikoluż.

**17.** Kwantu għall-piena, ikkunsidrata l-maħfra ta’ Emanuel Cassar, il-kontributorjeta` tiegħu għall-inċident, u l-fatt li l-fedina penali ta’ l-appellanti kienet u baqgħet kompletament netta, din il-Qorti sejra tagħti l-provvediment infraskritt.

**18.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellanti Ramona Fabri ħatja ta’ l-imputazzjonijiet kollha u minflok tiddikjaraha ħatja talli fl-10 ta’ Settembru 2011 għall-ħabta tal-11:30hrs ġewwa Triq il-President A. Buttigieg, Zejtun: (1) saqet vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DAT-742, b’manjiera traskurata, (2) b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġunat offiżi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Emanuel Cassar skond kif iċċertifika Dr. Matthias Azzopardi M.D. Reg. 5268 mill-M.D.H.; ma ssibhiex ħatja ta’ sewqan perikoluż u minn dik l-imputazzjoni tilliberaha; tirrevokaha in kwantu kkundannatha multa ta’ tmien mitt euro (€800) u minflok, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, tilliberaha bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor sa żmien sitt xhur millum. Din il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem li jiftiehem sew li jekk tagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, hija tkun tista’ tingħata sentenza għar-reat oriġinali.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
D/Reg